# IL-HMAR TA' POLDU

*Ta'* N.N.

Fir-raħal ta' Picchisvarde kien hemm kunvent tar-rhieb, mibni matul it-triq ewlenija. F'nofs il-bini, knisja mdaqqsa sewwa, bil-bieb ta' barra għal fuq dik it-triq, bil-kmamar fuq u isfel minn naħa l-waħda u l-oħra tal-knisja.

Wara l-kunvent, għalqa kbira tagħhom, imdawra bi tliet ħitan għoljin. Mal-ħajt, in-naħa tal-lemin għal min iħares mill-bieb tas-sagrestija, kien hemm rixtellu tal-ħadid, li kien jagħti fil-għalqa. Matul dak il-ħajt, min-naħa ta' barra, kienet għaddejja triq ġejja mill-kampanja, u kienet ittemm fit-triq il-kbira.

Minn dik it-triq maġenb il-ħajt tal-għalqa, kull fil-għaxija, ma' nżul ix-xemx kien igħaddi Poldu, raġel ta' bejn is-60 u s-70, xi ftit milwi, b'idu l-waħda wara dahru jżomm ħabel, u fl-oħra kuruna, igħid ir-Rużarju. Il-ħabel twil u merħi li miegħu marbut ħmar. Fra Gaspru, il-ġennien kien jaf bih, u kien jarah għaddej kull fil-għaxija.

Fil-bidu tat-tieni ġimgħa ta' Ottubru Fra Gaspru beda jagħżaq il-għalqa biex jiżra' l-ful. Dak in-nhar li beda l-Gwardjan, Fra Stiefnu, għall-ħabta tat-tlieta u nofs niżel fil-għalqa, biex jieħu daqsxejn tan-nifs, u ra lill-Fra qed jagħżaq, u qallu: "Fra Gaspru, issa ma tarax dan ix-xogħol kollu tal-għażiq, għalqa bħal din, għax ma taħrathiex? U hekk f'jumejn tkun ħlistha!" — "Sewwa qed tgħid, imma bhima għall-moħriet ma għandniex!" — "Ara kif tikseb waħda".

Meta l-Gwardjan inġabar fil-kunvent Fra Gaspru mar fil-kċina u qabad sikkina daqshiex. Meta kien għad fadal daqs siegħa nhar il-Fra mar ibexxaq ir-rixtellu li kien infurrat bil-ħadid, u qagħad hemm igħarrex jistenna għaddej il-ħmar quddiem għajnejh. Malli wasal, Fra Gaspru joħroġ f'salt, jiftaħ sewwa l-bieba tar-rixtellu, jaqta' l-ħabel minn geddum il-bhima, jagħtiha daqqa ta' sieq, jimbuttaha għal ġewwa jarmi fil-għalqa s-sikkina, jaqbad f'idejh tarf il-ħabel, u jibda jimxi flok il-ħmar wara sidu.

X'ħin it-tnejn waslu biex jidħlu fit-triq il-kbira, Fra Gaspru waqaf, il-ħabel, li dejjem merħi, ngibed. Poldu ħares lura biex jara għaliex il-ħmar waqaflu, u ħaġa tal-għaġeb berraq għajnejh, tbegħ-ren u nstamat, u lissen: "Dan kif, kif inhi dil-biċċa?" — "Ah jaħasra", qallu l-Fra, "kun af li jiena xi sentejn ilu kont għamilt fil-kunvent gażiba kbira, u l-Bambin, bħala kastig, biddilni fi ħmar. Fil-kunvent ma kellhomx jagħmlu bija u bigħuh lilek. Issa l-kastig spiċċali, u reġa' għamilni fi Fra li kont qabel". — "U issa x'se nagħmlu?", qal Poldu. — "La taqta' qalbek xejn, ħudni d-dar

tiegħek, żommni fl-istalla, itmagħni l-ġwież bħalma s'issa, u jien bis-sabar kollu nibqa' niġbidlek il-karettun bit-tagħbija, il-moħriet għal ħrit, u nġorrok fuq spallejja għal meta tkun trid toħroġ għal xi qadja tiegħek". — "Mela x'inhu? Min jarak tiġbed il-karettun, il-moħriet, jew meta jarawni riekeb fuq spallejk!" . . . U Poldu, kollu sieket, qallu: "Ara, minn liema kunvent inti?" — "Minn dan, ta' ma' ġenbna". — "Mela mur inġabar, u lili l-Bambin isabbarni u jkollu ħniena minni"; u sa dattant beda Poldu jiġbor il-ħabel madwar idu u minkbu. U nfirdu.

Poldu pass pass irħielha lejn daru, qalbu maqsuma bil-għali.

Żeża martu, ħarġet tistennieh fuq il-għatba tal-bieb, għax rat li żewġha ddawwar ma jiġi. X'ħin lemħitu ġej, u mingħajr il-ħmar, qaltlu: "Kif iddawwart hekk, u l-ħmar x'għamilt bih?" "Ah x'biċċa ġratilna Żeż! Dak il-ħmar ma kienx twieled ħmar, dak kien Patri l-Ajk, li darba fil-kunvent kien għamel gażiba kbira, u Alla biex jikkastigah biddlu fi ħmar; issa l-lejla jiena u ġej bih 'l hawn, spiċċalu l-kastig, u reġa' Ajk li kien qabel. Jiena għidtlu biex imur jinġabar fil-kunvent tiegħu". — Ġieżu, Ġieżu, ara x'biċċa din!", mistagħġba bdiet tgħid Żeża, u raddet is-salib b'idha x-xellugija. — "Żeż għandi qalbi maqsuma bil-għali!" U dak il-lejl ma seta' jorqod xejn!

Mill-banda l-oħra Fra Gaspru f'jumejn ħarat il-għalqa kollha bil-ħmar, u żera' l-ful. Għaddew tlitt ijiem. Fra Gaspru mar għand il-Gwardjan isaqsih x'sejjer jagħmel bil-ħmar, la darba kien iddobba bih, u deherlu li ma kienx hemm għalfejn iżommu aktar. Il-Gwardjan qallu li jekk m'hemmx għalfejn jinżamm aktar fil-kunvent, jara kif jeħles minnu, "Biegħu!, imma l-flus li ddaħħal minnu ġibhomli biex jew inqassamhom lill-foqra, jew inqaddishom għall-bżonnijiet ta' dak li kien sidu". L-għada fil-għodu Fra Gaspru ħareġ bil-ħmar, u mar isib wieħed li jinnegozja fil-bhejjem. Begħhulu, u l-flus li daħħal tiegħu mar ħadhom f'idejn Fra Stiefnu, il-Gwardjan.

Wara r-raħal ta' Picchisvarde hemm muntanja msemmija Raffaela, għaliex fuqha hemm raħal żgħir bi knisja ta' l-Arkanġlu San Rafel. Nhar San Rafel, 24 ta' Ottubru, Poldu ħareġ imur jisma' l-quddiesa ta' l-ewwel, tal-ħamsa: hekk kien imdorri dejjem. X'ħin daħal id-dar, u staħja b'inħasa ta' kafè bil-ħalib u l-ftiet, lil martu qallha: "Żeż, dal-għodu sa nitla sa Fiela, illum San Rafel hemm il-festa, u jkun hemm il-fiera wkoll, nara nixtrix xi ħmar. Kif nista' ngħaddi mingħajr bhima għax-xogħlijiet tar-raba'?!" — "Mur", qaltlu Żeża.

Poldu tela' fuq, libes libsa tal-festa, ħa miegħu kemxa flus daqs kemm deherlu li jkollu bżonn f'idejh, u telaq lejn il-muntanja. Hu

u tiela' qabad igħid ħames posti Rużarju biex il-Bambin jibgħathielu tajba. Wasal, mar fuq raġel tal-bhejjem, u qallu: "Għandek xejn xi ħmar tajjeb għalija?" — "Ara hemm, miġburin ħamsa, mur għażel wieħed li jogħġbok". Poldu hu u miexi lejhom għaraf li wieħed mill-ħmir kien il-ħmar tiegħu; u l-ħmar lemaħ 'il sidu, u beda jxengel rasu u jinħaq bil-ferħ. Poldu resaq lejh u qallu f'widintu: "Fra, jaqaw irġajt għamilt xi gażiba hux, biex il-Bambin reġa' biddlek fil-ħmar ta' qabel!, imma din id-darba ma nixtrikx!".

---

*Nota.* Din in-novella kien bagħathielna xi ġranet qabel miet Patri G. Mejlak, S.J. u xtaq li tidher f'*Il-Malti* taħt l-ittri *N.N.*

***L-Editur.***